# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

**Appell Nru: 231/2019**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Bernard C. Spiteri)**

**Vs**

**Jean Pierre Mamo**

Illum 26 ta' Frar 2021

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Jean Pierre Mamo, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 546182M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar it-30 ta' Jannar, 2018, u fix-xhur ta' qabel gewwa diversi postijiet f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu stess, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u liema atti kienu maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regolamenti tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll

intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, hin , lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi pproduca, biegh jew xorta ohra ttraffika r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi dina r-raza, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostazni li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

7. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu l-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu l-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

9. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi biegh jew xorta ohra ttraffika l-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(e) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

10. U aktar talli kiser Ordni ta' Probation moghtija mill-Qorti ta' Ghawdex (Imhallef Onor. Dr. Giovanni Grixti LL.D.), nhar l-10 ta' Ottubru, 2016, li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tinbidel;

11. U aktar talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, billi hu kien gie misjub hati b'sentenzi tal-Qorti ta' Malta jew tal-Qorti ta' Ghawdex, liema sentenza saru definittivi u ghaldaqstant ma jistghux jinbidlu;

Il-Qorti kienet ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom

x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-12 ta' Lulju, 2019, li biha sabet lill-imputat Jean Pierre Mamo hati tal-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tieghu u kkundannatu ghal erbgha u ghoxrin xahar prigunerija u multa ta' elf Ewro (€1,000) dwar l-imputazzjonijiet numerati wiehed sa disa bl-assorbiment u kwantu l-ghaxar imputazzjoni dwar lil-ksur tal-ordni ta' probation trattat mieghu ghall-imputazzjonijiet li dwarhom hu kien tqieghed taht din l-Ordni ta' Probation daqslikieku kien ghadu kemm kien dikjarat hati minn jew quddiem dik il-Qorti ghal dawk l-imputazzjonijiet u filwaqt li ghal kull buon fini kkonfermatu hati fir-rigward tal-imsemmija mputazzjonijiet, hassret l-Ordni ta' Probation maghmula bis-sentenza moghtija mill-Qorti nhar l-10 ta' Ottubru, 2016 u kkundannatu ghall-piena ta' tmintax–il xahar prigunerija u ghalhekk ghall-ammont totali ta' prigunerija ta' tnejn u erbghin (42) xahar flimkien ma' multa ta' elf Ewro (€1,000);

Il-Qorti ordnat ukoll lill-imputat Jean Pierre Mamo sabiex a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali jhallas l-ammont totali ta' erbat' elef, mitejn u tnejn u disghin Ewro u disa' u sebghin centezmu (€4292.79) rapprezentanti spejjez ta' esperti nkorsi fil-proceduri u ordnat id-distruzzjoni tad-droga esebita u mmarkata bhala DOK MC2 u DOK MC3.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Jean Pierre Mamo, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-30 ta' Lulju, 20019, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti **tirriforma** s-sentenza appellata billi filwaqt

li **tikkonferma** s-sejbien tal-htija, **tvarjaha** in kwantu ghall-piena totali erogata mill-Ewwel Qorti ta' tnejn u erbghin xahar prigunerija u elf Ewro multa (€1,000) u minflokha tghaddi sabiex tqis ic-cirkostanzi kollha tal-kaz odjern, u taghti piena iktar ekwa u gusta permezz ta' mitigazzjoni tal-istess piena u/jew billi timponi piena alternattiva, dejjem taht dawk il-provvedimenti ulterjuri li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa li timponi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant, Jean Pierre Mamo, esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet lill-partijiet;

Ikkonsidrat:

1. Illi dan l-appell huwa limitat ghall-piena erogata mill-ewwel Qorti msejjes fuq il-fattur principali illi l-imputazzjonijiet kienu jirrisalu ghall-aktar minn 16-il xahar qabel l-jum li fih kien intavolat ir-rikors odjern. L-appellant jallega illi matul dak iz-zmien huwa ghamel kambjament kbir f'hajtu bi sforzi u sagrificji kbar u f'kaz li jintbaghat biex jiskonta t-terminu ta' 42 xahar prigunerija dak li akkwista ser jisfaxxa fix-xejn;

2. Illi fil-mori tal-appell u fuq talba tal-appellant, din il-Qorti kienet ordnat li jithejjea *social inquiry report* dwaru. Dan kien debitament redatt u jinsab esebit a fol 342 ta-atti processwwali mill-liema rapport temergi stampa dettaljata tal-

aspett socjali tal-appellant, t-trobbija difficli tieghu u l-passat tal-familja li trabba fiha. Il-Qorti ezaminat bir-reqqa dan ir-rapport fejn hemm dokumentat illi mis-sena 2018 l-appellant ghamel kuntatt mal-Caritas u attenda regolarment u kien halla 12-il *sample* ta' urina li lkoll rrizultaw fin-negattiv ghall-ezami ta' sustanzi lleciti;

3. Minn dan ir-rapport, mhejji minn Ufficcjal tal-Probation li kien ilu jsegwi lill-appellant gia ghal-tlett snin, huwa evidenti illi l-appellant kien sahansitra sab xoghol izda minhabba c'cirkostanzi li kien isib ruhu fihom ma kienx possibbli ghalih li jzomm stabbilita' fix-xoghol tieghu;

4. L-appellant ghamel referenza ghal-sentenzi ta' din il-Qorti li kienu akkoljew talbiet ghal-riduzzjoni fil-piena anke f'kaz li l-hati jkun recediv. Il-Qrati taghna jabbraccaw l-aspett restorattiv tal-piena kif ukoll l-possibilita' ta' *cans* iehor fil-hajja u dan kif rifless fid-diversi sentenzi taghha fejn dan kien possibbli u meritevoli. Issa, fil-kaz in disamina tajjeb li qabel xejn ikun ccarat illi l-piena ta' 42 xahar prigunerija mposti mill-ewwel Qorti huma rizultat ta' zewg proceduri f'wahda fis sens illi dwar l-imputazzjonijiet 1 sa 9, wara li uhud minnhom kienu assorbiti, kien kkundannat ghal-prigunerija ghal zmien erba u ghoxrin xahar. L-aktar imputazzjonijiet gravi fosthom huma tlieta dwar traffikar ta' droga fl-ammonti ta' 10.46 gm Kokaina u 42.34 gm Cannabis u zerriegha tal-Cannabis;

5. L-imputat kien ukoll trattat bi ksur ta' Ordni ta' Probation u dwar din kien ikkundannat ghal terminu ta' prigunerija ta' tmintax-il xahar. Kienet din l-istess Qorti kif preseduta li mponiet Ordni ta' Probation wara li l-istess appellant odjern kien appella minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati u din il-Qorti, b'eccezzjoni, ordnat temperament fil-piena minn wahda ta' prigunerija ta' tmintax-il xahar ghall-dik li biha qeghditu fuq Ordni ta' Probation ghall-tlett snin. L-appellant kien prezenta lilu nniffsu bhala kandidat tajjeb sabiex din il-Qorti eccezzjonalment tibdel il-piena erogata mill-ewwel Qorti u dan wara li rat u hadet in konsiderazzjoni rapport ta' Ufficcjal tal-Probation u semghet lill-istess;

6. Issa, kif din il-Qorti b'mod kostanti dejjem ghamlet meta ordant temperament fil-piena minn dik karcerarja ghal-wahda alternattiva ghall-privazzjoni tal-liberta, wissiet lill-hati li b'hekk tkun qed tapplika certu gradwatorja fil-piena billi taghti *cans*, jekk hemm bzonn taghti *cans* iehor b'zieda minn servizz komunitarju ghall-wahda ta' prigunerija sospiza. L-appellant issa wasal fi stat fejn ezawrixxa dawn il-possibilitajiet u l-uniku klemenza li l-appellant jista' jistenna f'kaz ta' traffikar ta' droga huwa riduzzjoni fi zmien ta' inkarcerazzjoni la darba din hija sanzjoni tassattiva;

7. Tajjeb li jinghad ukoll illi jasal dak il-mument fil-hajja refrattarja tal-bniedem illi jkun jehtieg li jiehu kont tas-sitwazzjoni ta' hajtu u mhux jibqa' jgemma l-probations jew

sentenzi sospizi b'mod li jkun impossibbli li dawn jibqghu jiggeddu. L-imputat, llum hati, ghadda minn din il-gradwatorja u jidher issa illi huwa dispost li jifhem dak li qed jistennieh f'kaz li johrog bhala persuna riformata. Madankollu, il-piena ghal dawn id-delitti dejjem hija wahda karcerarja u fil-kaz odjern tqis illi hija wahda proporzjonata;

8. Kwantu ghat-tieni parti tal-ammont tal-piena karcerarja mposta mill-ewwel Qorti, dik ta' tmintax-il xahar, igifieri li kkundannat lill-appellant ghal-piena tad-delitti li dwarhom kien instab hati qabel ma tqieghed taht ordni ta' probation daqs li kieku kien ghadu kemm instab hati minn dik il-Qorti, anke hawn, tenut kont tal-gravita' tar-reati, igifieri ta' serq kkwalifikat bil-valur, mezz u vjolenza, kif ukoll dwar assocjazzjoni bil-ghan li jkun kommess delitt mhux biss hija wahda ragjonevoli izda qrib il-minimu tenut il-gravita' tad-delitti kommessi;

9. Illi ghalhekk, hija l-fehma tal-Qorti illi wasal iz-zmien li l-appellant jiehu kontroll ta' hajtu issa li ezawrixxa l-possibbilita' ta' riduzzjoni u klemenzi u jekk verament huwa bniedem riformat, allura ghandu jikkoltiva dik ir-riforma akkwizita u jhares 'l quddiem ghal dak kollu li hemm jistennieh wara li jiskonta l-piena;

10. Illi ghalhekk ukoll, din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena;

11. Konsegwentement tiddisponi minn dan l-appell billi tichad l-istess.

Giovanni M. Grixti

Imhallef